



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.11.2013  
COM(2013) 776 final

2013/0384 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli  
u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Il-Kummissjoni tipproponi regolament ġdid ta' bażi dwar is-sospensjonijiet tariffarji awtonomi. Dan sar neċessarju minħabba li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 ġie emendat erba' darbiet u l-prodotti tas-sajd ma baqgħux koperti b'dak ir-Regolament. Għaldaqstant, fl-interess tat-trasparenza, qed jiġi propost li jitħassar dan ir-Regolament u jiġi sostitwit bil-proposta attwali.

Il-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti speċifikati f'dan ir-Regolament ma teztix jew hija inadegwata u, għaldaqstant, jekk l-intrapriżi jitħallew jiksbu provvisti b'kost aktar baxx għal ċertu perjodu, ikun possibbli li l-attività ekonomika tiġi stimulata fl-Unjoni, sabiex tittejjeb il-kapaċità kompetittiva ta' dawn l-intrapriżi u, b'mod partikolari, biex dawn tal-aħħar iżommu jew joħlqu l-impjiegi, jimmodernizzaw l-istrutturi tagħhom eċċ.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi indikat li l-oġġetti importati skont l-arranġamenti dwar is-sospensjoni tariffarja jgawdu minn libertà ta' moviment fl-Unjoni kollha; għalhekk, ladarba tingħata sospensjoni tariffarja, kwalunkwe operatur fi kwalunkwe Stat Membru jkun eliġibbli li jibbenefika minnha.

Billi s-sospensjonijiet tariffarji awtonomi jikkostitwixxu eċċezzjoni għar-regola ġenerali rrappreżentata mit-Tariffa Doganali Komuni, iridu, bħal kull deroga oħra, ikunu ssorveljati u eżaminati mill-ġdid sistematikament fuq bażi regolari (mill-inqas kull ħames snin). Dan ma għandux jeskludi t-terminazzjoni aktar bikrija ta' ċerti miżuri jekk ma jkunx aktar fl-interess tal-Unjoni li żżomm is-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni, jew għax l-iżviluppi tekniċi tal-prodott u x-xejriet ekonomiċi fis-suq jiġġustifikawha, jew għax iċ-ċirkustanzi nbidlu. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra, fuq il-bażi tar-rieżami, li sospensjoni għal ċertu prodott għandha tinbidel jew tiġi terminata, hi tissottometti proposta lill-Kunsill biex jemenda l-lista stabbilita fl-Anness I kif meħtieġ.

L-Anness 1 tal-proposta mehmuża fih prodotti li d-dazji tagħhom diġà ġew sospiżi skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 626/2013, kif ukoll għadd ta' prodotti agrikoli u industrijali li ġew eżaminati mill-ġdid wara din l-aħħar emenda.

Għalhekk tqies li huwa meħtieġ li jiġi stipulat li mhux biss il-piż f'kilogrammi jew tunnelli iżda wkoll l-unitajiet supplimentari rilevanti għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti jiddaħħlu fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa. Għalhekk, l-Anness II tal-proposta mehmuża fih il-lista tal-kodiċijiet tal-prodotti bl-unitajiet supplimentari korrispondenti.

Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja (Economic Tariff Questions Group - ETQG), eżaminat mill-ġdid it-talbiet ġodda kollha ppreżentati mill-Istati Membri għal sospensjoni temporanja tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni. Dawn it-talbiet ġodda għal sospensjoni ġew eżaminati fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (ara ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6).

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-kummerċ, tal-intrapriżi, tal-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni. B'mod speċjali, din il-proposta mhijiex se tkun ta' żvantaġġ għall-pajjiżi

li qegħdin jibbenefikaw minn ftehim ta' kummerċ preferenzjali mal-UE (pereżempju l-SPĠ, ir-reġim tal-AKP, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali).

## **2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Ġie kkonsultat l-ETQG li fih huma rappreżentati l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha. Is-sospensjonijiet kollha elenkati jikkorrispondu għal ftehimiet jew compromessi milħuqa fid-diskussjonijiet tal-grupp.

Ma ssemmwex riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi rriversibbli.

Din il-proposta ġiet soġġetta għal proċedura ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi u se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.

## **3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

Il-bażi ġuridika ta' din il-Proposta għal Regolament hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax dawn l-għadd ta' miżuri huma konformi mal-prinċipji stipulati għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti f'kummerċ barrani u skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6).

Bis-saħħa tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi huma approvati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, għaldaqstant regolament huwa l-istrument xieraq.

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Id-dazji doganali li ma nġabrux jammontaw għal madwar EUR 86 miljun fis-sena. L-effett fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa telf ta' EUR 64,5 miljun fis-sena (75 % x EUR 86 miljun fis-sena).

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti agrikoli u industrijali speċifikati fl-Anness I attwalment mhijiex adegwata jew hija ineżistenti, u għalhekk, il-ħtiġijiet tal-industriji utenti fl-Unjoni ma jistgħux jiġu ssodisfati.
- (2) Għaldaqstant huwa fl-interess tal-Unjoni li tissospendi b'mod parzjali jew totali d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal dawk il-prodotti.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011<sup>1</sup> ġie emendat bosta drabi. Barra minn hekk, fl-emenda mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012<sup>2</sup>, il-prodotti tas-sajd tneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni. Fl-interess tat-trasparenza, għandu għalhekk jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.
- (4) Ir-Regolamenti li jissospendu d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli ġeddew fil-biċċa l-kbira l-miżuri preċedenti. Għalhekk, fl-interess tar-razzjonalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati, huwa xieraq li ma jkunx limitat il-perjodu tal-validità ta' dan ir-Regolament billi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jista' jiġi adattat u l-prodotti jistgħu jiżdedu jew jitneħħew mill-Anness ta' dan ir-Regolament permezz ta' regolament tal-Kunsill.
- (5) Fid-dawl tan-natura temporanja tagħhom, is-sospensjonijiet elenkati fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid b'mod sistematiku, mhux aktar tard minn ħames snin wara l-applikazzjoni jew it-tiġdid tagħhom. Barra minn hekk, l-

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali (ĠU L 349, 31.12.2011, p. 1)

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 4).

għeluq ta' ċerti sospensjonijiet għandu jiġi awtorizzat fi kwalunkwe waqt, bħala riżultat ta' proposta tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' rieżami mwettaq fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar, jekk is-sospensjonijiet ma jkunx għadhom fl-interess tal-Unjoni li jinżammu jew minħabba żviluppi tekniċi tal-prodott jew minħabba li jkunu nbidlu ċ-ċirkostanzi jew minħabba x-xejriet ekonomiċi fis-suq.

- (6) L-istatistika għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' spiss hija espressa f'biċċiet, metri kwadri (m<sup>2</sup>) jew unitajiet ta' kejl għajr il-piż. Madankollu, ma hemm l-ebda unitajiet supplimentari bħal dawn fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>3</sup>. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stipulat li mhux biss il-piż f'kilogrammi jew tunnelli iżda wkoll l-unitajiet supplimentari rilevanti għall-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati jiddaħħlu fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.
- (7) Billi huwa neċessarju li s-sospensjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament ikollhom effett mill-1 ta' Jannar 2014, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ minnufih mal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (8) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex jintlaħqu l-għanijiet bażiċi, huwa meħtieġ u xieraq li tittejjeb il-kapaċità kompetittiva tal-industrija tal-Unjoni b'tali mod li l-industrija tkun tista' żżomm jew toħloq l-impjiegi u timmodernizza l-istrutturi tagħha, sabiex jiġu stabbiliti regoli dwar is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għall-prodotti msemija fl-Anness I. Skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għall-prodotti agrikoli u industrijali elenkati fl-Anness I jiġu sospiżi.

### *Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni tista' f'kull waqt teżamina mill-ġdid is-sospensjonijiet għall-prodotti elenkati fl-Anness fil-każijiet li ġejjin:

(a) fuq inizzjattiva tagħha;

(b) fuq talba mill-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni teżamina mill-ġdid is-sospensjonijiet fis-sena stabbilita fl-Anness I.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

### *Artikolu 3*

Meta dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa hija ppreżentata, fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM jew il-kodiċijiet TARIC elenkati fl-Anness II, l-unità supplimentari mogħtija f'dak l-Anness titniżżel fil-qasam rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

### *Artikolu 4*

Ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 huwa mħassar.

### *Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI LI  
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUŻIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL**

**1. ISEM IL-PROPOSTA:**

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali

**2. LINJI BAĠITARJI:**

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2014: **EUR 18 086 400 000 (DB 2014)**

**3. IMPATT FINANZJARJU:**

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja.

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul; l-effett huwa kif ġej:

| Linja baġitarja | Dħul <sup>4</sup>                      |  | [Sena: 2014 – 2018]     |
|-----------------|----------------------------------------|--|-------------------------|
| Artikolu 120    | <i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i> |  | - 64 500 000 (fis-sena) |

**4. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Se jitwettqu kontrolli fuq l-użu aħħari ta' xi prodotti koperti b'dan ir-Regolament tal-Kunsill skont l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju.

**5. RIMARKI OĦRA**

Dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 eżistenti. L-Anness tar-Regolament eżistenti għandu 1792 linja ta' prodotti u jirriżulta f'ammont stmat ta' dazji doganali mhux miġbura li jilhqgħu ammont totali ta' EUR 1040 miljun għas-sena 2013 fuq il-bażi taċ-ċifri reali għall-2013/S1. Din iċ-ċifra hija miksuba fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat Comext dwar il-valur totali tal-

<sup>4</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kosti tal-ġbir.

importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt is-sospensjonijiet tariffarji awtonomi fl-2013, mmultiplikata bir-rata tad-dazju *ad valorem* rispettiva tat-Tariffa Doganali Komuni għal-linji tariffarji speċifiċi. L-ammont totali ta' hawn fuq diġà jeskludi d-dazji mhux miġbura għall-prodotti li mhux se jibqgħu sospiżi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 1344/2011.

Minbarra l-linji ta' prodotti sospiżi diġà msemija, din il-proposta fiha 130 linja ta' prodotti ġodda li għandhom jiġu sospiżi. Id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għal dawn is-sospensjonijiet, ikkalkulati fuq il-bażi tat-tbassir tal-Istat Membru rikjedenti jammontaw għal EUR 48 miljun fis-sena. Fuq il-bażi tal-istatistika eżistenti għas-snin preċedenti, jidher, madankollu, li dan l-ammont jeħtieġ li jiżdied b'fattur medju, li huwa stmat għal 1,8, sabiex jitqiesu l-importazzjonijiet fi Stati Membri oħra li jużaw l-istess sospensjonijiet. Dan ifisser dazji mhux miġbura ta' madwar EUR 86 miljun fis-sena.

Għalhekk id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għas-sospensjonijiet elenkati fl-Anness ta' din il-proposta, ikkalkulati fuq il-bażi tal-importazzjonijiet previsti għewwa l-Istat Membru rikjedenti għall-2014 sal-2018, jammontaw għal EUR 1 126 miljun fis-sena.

#### Kost stmat ta' din l-operazzjoni

L-impatt fuq it-telf ta' dħul fir-riżorsi proprji tradizzjonali li jirriżulta minn dan ir-Regolament jista' jiġi stmat (wara t-tnaqqis tal-kosti tal-ġbir) għal  $86 \times 75 \% =$  EUR **64,5** miljun fis-sena għall-perjodu bejn l-01.01.2014 u l-31.12.2018.

It-telf ta' dħul fir-riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkompensat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri abbażi tal-ING.